TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

22

Avviż Numru CCT 207/17/F

**Anthony Briffa**

**vs**

**Joseph Galea – Cell Phone**

Illum, 1 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-14 ta' Novembru, 2017 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mitejn Ewro (€200), rappreżentanti l-prezz ta' tiswija fuq *mobile phone*, li wara li saret it-tiswija xorta baqa' bil-problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kellu problema fil-*mobile phone* tiegħu u għalhekk ħadu għat-tiswija għand id-ditta ntimata. L-intimat qallu li jrid iħallas mitejn Ewro (€200) u jiġi tajjeb u dan ix-xogħol sar. L-għada meta użah, il-problema reġgħet feġġet bil-konsegwenza li l-*mobile phone* ma setax jintuża.

L-intimat issottometta li l-probabbilta' hija li kissru hu stess għax poġġieh fil-but ta' wara jew forsi waqqgħu.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jikkunsidra illi l-*mobile phone* inkiser u ma jidhirx li hemm xi raġuni għalfejn dan inkiser, ħlief illi seta' kien il-*mobile phone* li kien difettuż u kellu l-problemi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' mitejn Ewro (€200), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888